MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 918/2007

**Michael Attard Limited (C 32362)**

**vs**

**J G Rentals Limited (C 36749)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmi (€2329.93) gja` Lm1000.24 mis-socjeta’ konvenuta in rapprezentanza ta’ import ta’ tmien (8) kambjali skaduti.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta` l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Il-kumpanija intimata in subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fl-24 ta' Gunju, 2008 minn Robert Galea u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------